**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 15 ta' Mejju 2025

Każ Nru. 5/2023

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**AB**
**(K.I. Nru XXXXXXX)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **AB**, ta' XX sena, iben XXXX u XXX xebba XXXX, imwieled XXXX, Malta, nhar XXXXXX, residenti XXXX, detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru XXXXXXX, u akkużat f' isem ir-Repubblika ta' Malta talli nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ġewwa XXXX, u/jew f'postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. B'għemil żieni, ikkorrompa lil CD, persuna ta' taħt is-sittax-il sena, liema delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, liema

delitt sar minn persuna, li imqar jekk għal xi żmien, tkun ġiet fdata l-persuna ta' taħt is-sittax-il sena sabiex jgħallimha, jindukraha jew iżommha;

2. Issoġġetta lill-persuna oħra u cioè lil CD għal xi att ta' intimità fiżika, u kif ukoll issoġġettaha għal xi att u, jew imġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, liema delitt sar fuq il-persuna ta' tifla taħt l-età ta' disgħa snin, liema delitt sar fuq persuna vulnerabbli għaliex hija ta' taħt il-ħmistax-il sena, u liema delitt twettaq fuq minuri;

U aktar talli nhar id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ġewwa XXXXX, u/jew f'postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer:

3. Bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq EF liema att, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel l-artikolu 207 fis-Sub-Titolu II tat-Titolu VII tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), liema delitt sar fuq persuna li tkun minuri, u liema delitt sar kontra persuna vulnerabbli għaliex huwa ta' taħt il-ħmistax-il sena, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati;

4. Issoġġetta lil persuna oħra u cioe' lil EF għal xi att ta' intimità fiżika, u kif ukoll issoġġettah għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u,

jew intimidatorji lejha, liema delitt sar fuq persuna vulnerabbli għaliex huwa ta' taħt il-ħmistax-il sena, u liema delitt twettaq fuq minuri;

U aktar talli matul ix-xahar ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ġewwa XXXXX u/jew f'postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u liema atti ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

5. Issoġġetta lil persuna oħra u cioe' lil GH għal xi att ta' intimità fiżika, u kif ukoll issoġġettaha għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, liema delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, liema delitt sar fuq persuna vulnerabbli għaliex hija ta' taħt il-ħmistax-il sena, u liema delitt twettaq fuq minuri;

Il-Qorti kienet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawża u f'każ ta' ħtija ai termini tal-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta favur il-minuri CD, EF, u GH u l-familjari tagħhom;

Il-Qorti kienet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, tordna ordni ta' trattament skont l-artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-

sentenza tiġi reġistrata ai termini tal-artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati d-19 ta' Lulju 2023[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikoli 203(1)(a)(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 251A(1)(ċ)(e)(4); 251H(ċ)(d); 251HA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 41(1)(a), 207, 202(g)(k) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 251A(1)(ċ)(e)(4); 251H(ċ)(d); 251HA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 18,251A(1)(ċ)(e)(4);251H(b)(ċ)(d), 251HA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 6(2) tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta;

Liema Artikoli nqraw fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2023 fejn l-akkużat ddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġġudikat minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inklużа l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkunsidrat:-

---

[1] A fol. 259 tal-atti proċesswali.

Illi mill-provi prodotti u minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta li fid-19 ta' Jannar 2023 għall-ħabta tas-18:24hrs marret tagħmel rapport ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex ċerta IF flimkien mat-tifel tagħha EF ta' 11-il sena. IF qalet li binha kien stqarr magħha li l-għalliem tal-pjanu tiegħu kien missu b' mod mhux xieraq u ffastidjah. Hija kompliet tgħid li binha kien għadu kif beda' imur għal-lezzjonijiet tal-pjanu ftit qabel il-Milied, għand ċertu AB ġewwa XXX u kien mar biss xi 4 jew 5 lezzjonijiet. Dakinhar stess kellu lezzjoni oħra li bdiet fit-15:30hrs u spiċċat għall-ħabta ta' l-16:30hrs. In-nanna tat-tifel kienet ħaditu għal-lezzjoni u wara reġgħet marret għalih hi u ħaditu d-dar. Meta wasal id-dar it-tifel tela' jibki fil-kamra tiegħu u nanntu qalet lill-ommu li ma' kienitx taf x' ġara u li aħjar tmur tkellmu. IF qalet li binha stqarr magħha li l-għalliem kien misslu sidru u saqajh u pprova jbusu u ried li EF jagħmel l-istess lilu. It-tifel qalilha ukoll li l-akkużat qallu biex ma' jgħid lil ħadd. Jidher li dan ġara ftit minuti qabel ma' spiċċat il-lezzjoni.[2]

Illi l-Qorti semgħet ukoll li kien hemm investigazzjoni dwar każ ieħor simili għaddej. Dan il-każ kien jikkonċerna rapport li sar fit-12 ta' Jannar 2023 minn ċertu JD fejn huwa rrapporta li bintu ta' 5 snin kienet ilha minn Ottubru tmur għal-lezzjonijiet tal-pjanu għand l-akkużat ġewwa r-residenza tiegħu fi XXXXX. Hu qal li dakinhar stess meta mar jiġbor lit-tifla mil-lezzjoni tal-pjanu hi qaltlu li waqt li l-akkużat kien qiegħed iwassalha 'l barra huwa staqsiha rieditx tbusu u hi qaltlu le. Qal ukoll li bintu qaltlu li l-akkużat kien talabha biex jara l-parti tagħha u staqsiha rieditx tara tiegħu, fejn it-tifla rrispondiet fin-negattiv fiż-żewġ istanzi. Qal ukoll li bintu qaltlu li l-akkużat poġġielha idejha fuq il-parti tiegħu. It-tifla qalet lil missierha li ma' rieditx tmur aktar għal lezzjonijiet tal-pjanu għand l-akkużat.

Illi sussegwentement l-akkużat ġie arrestat fis-27 ta' Frar 2023 a bażi ta' mandat t' arrest maħruġ mill-Maġistrat ta' l-Għassa. Il-pulizija ordnaw lill-akkużat biex jgħaddilhom il-*backpack*, mobile u l-laptop tat-tip Lenovo li kien qed iġorr. Bħala parti mill-investigazzjonijiet tagħhom il-pulizija għamlu tfittxija fid-dar ta' l-akkużat u minn hemm elevaw laptop ieħor tat-tip HP. L-akkużat volontarjament għadda żewġ *passwords* tal-laptops iżda l-mobile ma' kellux password.

---

[2] Ara r-rapport li tħejja mill-Pulizija li jinsab eżebit bħala Dok. KB2 a fol. 9 sa 12 ta' l-atti proċesswali

Ikkunsidrat;

Il-*parte civile* CD[3] xehdet f' dawn il-proċeduri u kkonfermat li għandha ħames snin. Hija qalet li wara l-iskola tmur klubb li qiegħed ġewwa XXXX fejn hemmhekk jagħmlu l-homework. Ix-xhud qalet li tħobb il-pjanu u għandha pjanu tal-ġugarelli. Qalet ukoll li kull nhar ta' Sibt tmur titgħallem il-pjanu għand għalliema ġewwa XXXX. Ix-xhud qalet li qabel kienet tmur titgħallem il-pjanu għand għalliem ġewwa XXX iżda issa m' għadhiex tmur għandu. Ix-xhud stqarret li ma' baqgħetx tmur għand dan l-għalliem għaliex darba minnhom kien pastaż magħha u qalet ukoll li kien jismu AB. Hija qalet li qabel ma marret id-dar, waqt li kienu neżlin isfel waqqafha u refagħha u reġa' niżżilha u imbagħad staqsiha rieditx tbusu. Hija qalet li kull ma staqsiha qaltlu le u qalet ukoll li resqilha idejha. Hi qalet li kien imellisha u wriet kif kien ipoġġilha idejha fuq il-parti privata tiegħu. Hija qalet ukoll li dan talabha biex jara l-parti tagħha u qalilha ukoll li ried juriha tiegħu. Hi stqarret li dak li għamel kien ħażin allura hi ma setgħetx tagħmel kif qalilha hu meta kienu fit-taraġ tad-dar tiegħu fejn kienet tmur għall-pjanu, li ma tgħidx lill-ġenituri tagħha. Fil-fatt hija qalet lil ommha u lil missierha. Hija spjegat li kien hemm ħafna taraġ biex titla' għad-dar tiegħu li malli titlagħhom issib il-bieb ta' barra u tidħol ġewwa. Imbagħad qalet li ġewwa kamra żgħira kien hemm pjanu. Ix-xhud qalet li l-affarijiet li ddeskriviet li ġraw, seħħew f' nofs it-taraġ. Hija qalet li wara li ġraw dawn l-affarijiet ma' reġgħetx marret għandu peress illi kienet qalet lil ommha b' dak li kien ġara u qaltilha ma' tmurx aktar. Ix-xhud identifikat lill-akkużat bħala dak l-għalliem li kienet qegħda tirreferi għalih. In kontro eżami x-xhud qalet li ma tiftakarx kemm il-lezzjoni marret għand dan l-għalliem però qalet li marret f' Ottubru, qabel il-Milied u imbagħad wara, f' Jannar. Qalet ukoll li hi kienet tuża id waħda meta kienet tipprattika l-pjanu. Hija kkonfermat illi waqt li l-akkużat kien qiegħed jgħallimha l-pjanu kien qiegħed jgħallimha ukoll kif tpoġġi jdejha u juriha fejn kienu l-ittri. Hi spjegat li l-akkużat kien jara li qabel ma tibda' iddoqq subgħajha ikun fuq il-*Middle C*. L-għalliem kien ipoġġi ħdejha waqt il-lezzjoni u ma kienitx tagħti każ għaliex hu kien l-għalliem tagħha li kien qed jgħallimha. In kontro eżami x-xhud qalet li kapaċi titla' u tinżel it-taraġ waħda. Stqarret li darba minnhom l-akkużat għenha fit-taraġ biex ma taqax.

---

[3] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fl-10 ta' Marzu 2023 a fol. 31 sa 46 ta' l-atti proċesswali.

Xehed il-*parte civile* EF[4] fejn qal li għandu 12-il sena. Huwa qal li jmur skola online u jagħmel ukoll *power lifting*. Huwa iħobb il-mużika u jdoqq il-pjanu u l-kitarra. Huwa kien imur jitgħallem il-pjanu għand l-akkużat AB ġewwa d-dar tiegħu ġewwa XXXXX. Qal li l-akkużat kien jgħix f' blokka appartamenti u hu kien joqgħod fuq it-tielet jew ir-raba' sular. Ix-xhud xehed li ma baqax imur għand l-akkużat wara li għamel ċertu affarijiet. Ix-xhud iddeskriva kif l-akkużat kien għoroklu sidru u saqajh u pprova jġegħlu jagħmel l-istess lilu billi ħataflu jdejh mill-polz u beda' jċaqalqu jdejh. Ix-xhud stqarr ukoll li l-akkużat pprova ibusu fuq xufftejh iżda hu qam bil-wieqfa u qallu jieqaf. Dan kollu ġara fl-istess ġurnata u ġara waqt li kien bil-qiegħda mal-pjanu. L-akkużat qallu ma' jgħid lil ħadd u għamillu sinjal biex iżomm ħalqu magħluq. Iżda t-tifel stqarr li huwa mar jgħid 'l ommu. Ix-xhud xehed li kellu erbgħa lezzjonijiet tal-pjanu ma' l-akkużat fuq medda ta' erba' ġimgħat. Stqarr ukoll li dan l-akkadut ġara fid-19 ta' Jannar 2023. In kontro-eżami x-xhud qal li wara li ġara dan kollu komplew bil-lezzjoni u ħassu anzjuż. Wara li ntemmet il-lezzjoni l-akkużat akkumpanja lix-xhud sal-bieb ta' barra kif dejjem jagħmel. Ix-xhud stqarr li ma qallux ma jakkumpanjahx wara dak li ġara.  Qal li ġabritu nanntu wara l-lezzjoni u mar il-dar tal-ġenituri tiegħu fejn qal lil ommu x' kien ġara u flimkien marru jagħmlu rapport lill-pulizija. Xehed ukoll li waqt il-lezzjoni l-akkużat kien imisslu idejh biex ipoġġihomlu fil-post it-tajjeb fuq il-pjanu. Qabel ma' ġara l-inċident in kwistjoni x-xhud qal li ma' kienx jagħti każ. Ix-xhud ikkonferma li mossi biss kien hemm u ma kienx hemm kliem bejnu u l-akkużat. Ix-xhud spjega li wara li spiċċa jdoqq id-diska li kien qed idoqq, l-akkużat daħaqlu u imbagħad beda' imissu. Dan ġara f' kamra żgħira fejn kien hemm *electronic keyboard*. Ix-xhud spjega li hu u l-akkużat kienu ikunu bil-qiegħda mal-pjanu daharhom lejn il-bieb tal-kamra li kienet l-ewwel waħda fl-appartament. Stqarr ukoll li kieku xi ħadd daħal mill-bieb u qagħad warajh kien jinduna. Ix-xhud ikkonferma li darba minnhom kien jaf li l-mara ta' l-akkużat kienet fil-kċina waqt li kien qed jagħmel il-lezzjoni tal-pjanu, iżda meta ġara l-inċident in kwistjoni huwa qal li ma' kien hemm ħadd ieħor fl-appartament, għaliex is-soltu meta mart l-akkużat kienet tkun hemm kien jismagħha. Ix-xhud stqarr li ma kienx ċert jekk il-bieb kellux serratura *(lock)* għaliex qatt ma rah isakkar il-bieb iżda qal li jaf żgur li kien magħluq.

[4] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fl-10 ta' Marzu 2023 a fol. 47 sa 60 ta' l-atti proċesswali.

Xehdet il-*parte civile* GH[5] fejn qalet li għandha 7 snin u li qabel kienet tmur għal-lezzjonijiet tal-mużika għand wieħed għalliem jismu AB u ddentifikat l-akkużat fl-awla. Hi qalet li marret erbgħa darbiet għal dawn il-lezzjonijiet u hi qatt ma' daqqet il-pjanu iżda darba l-għalliem tagħha daqq. Hija stqarret li ma kienitx tiftakar il-lokalitá fejn kienet tmur għal-lezzjonijiet, iżda qalet li dawn kien isiru d-dar ta' l-għalliem. Qalet li din ir-residenza qisha appartament kbir. Xehdet li jidhrilha li għall-ewwel u t-tieni lezzjoni ommha u oħtha kienu marru magħha għal ftit. Ikkonfermat li ma kien hemm ħaddieħor preżenti fid-dar waqt il-lezzjonijiet l-oħra. Spjegat li fit-tielet u r-raba' lezzjoni hi kienet weħedha.  Dwar ir-residenza innifisha x-xhud qalet li meta tiftaħ il-bieb ta' barra hemm l-ewwel sular imbagħad kellek titla' żewġ jew tlett sulari sabiex issib ir-residenza tiegħu. Ix-xhud qalet li ma' kienx jgħinha titla' it-taraġ għaliex setgħet titla' weħedha. Stqarret li waqqfet tmur għal-lezzjonijiet għandu għaliex kien biesha fuq ħaddejha u kien mellisha fuq saqajha u ma' ħaditx gost u qalet li ħasset li kienet xi ħaġa ħażina. Dan ġara waqt il-lezzjoni wara li kienet spiċċat il-*handout* li kienet qed tagħmel. Qalet li kemm hi u kif ukoll l-akkużat kienu bil-qegħda ħdejn xulxin madwar mejda. Hija qalet li ma' għamlet xejn dwar dak li ġara għaliex ħassitha konfuża. L-akkużat qalilha li dak li ġara kien sigriet u l-bqija ma' qal xejn lanqas qabel ma' biesha, mossi biss. Il-lezzjoni kompliet normali u meta spiċċaw niżlu isfel ħdejn ommha. It-Tnejn ta' wara, ġurnata qabel ma' kellha lezzjoni oħra tal-pjanu, it-tifla qalet lil ommha l-verità dwar dak li kien ġara. Sussegwentement ommha bagħtet *voice message* lill-akkużat biex tgħidlu li t-tifla ma' rieditx tmur għal-lezzjoni għaliex kienet tiddejjaq peress illi ma' kienux interessanti. Ommha imbagħad qalet lil missierha. Hija qalet li l-pjanu hu żgħir u kien fil-ġenb tal-kamra fejn kienet issir il-lezzjoni. Hija qalet ukoll li l-bieb tal-kamra kien warajha u kien magħluq iżda mhux imsakkar. Hija qalet li wara l-lezzjoni, meta niżlet isfel kien hemm tifel li kellu madwar għaxar jew tnax-il sena li kien qed jibki u ma riedx jidħol ma' l-għalliem. Hija qalet li huwa kien jitkellem aktar milli kien juriha fuq il-pjanu u fil-fatt qalet li kien jitkellem ħafna u bil-lingwa Ingliża. In kontroeżami hi qalet li waqt it-tielet u r-raba' lezzjoni kienet weħedha peress illi meta fl-ewwel żewġ lezzjonijiet kien hemm ommha u oħtha, oħtha kienet toqgħod tiċċaqlaq ħafna u ommha ma ridithiex ittellef u allura waqfu jmorru. Hi kkonfermat illi l-akkużat qatt ma' qalilha li ma riedx lil ommha jew lil oħtha jmorru għal-lezzjoni. Hija kkonfermat

[5] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fl-10 ta' Marzu 2023 a fol. 61 sa 71 ta' l-atti proċesswali.

li l-lezzjoni kienet taraha twila. Hija nnegat li waqqfet tmur għaliex il-lezzjoni ma' kienitx interessanti. Li kieku ma' ġarax li ġara kienet tibqa' tmur.

Xehed Joseph Grech[6] li ppreżenta l-proċess verbal bħala Dok. JG1 li ġie redatt mill-Maġistrat Dottor Simone Grech, dwar allegat abbuż sesswali fuq il-persuna ta' CD ta' 5 snin li ġie rrapportat lill-pulizija nhar it-12 ta' Jannar 2023 u allegat abbuż fuq il-persuna ta' EF ta' 11-il sena li ġie rrapportat lill-pulizija nhar id-19 ta' Jannar 2023.

Xehed PS 698 Shaun Tabone[7] li qal li fis-6 ta' Marzu 2023 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ċertu KH marret l-Għassa biex tagħmel rapport. Hi qalet li t-tifla tagħha ta' 7 snin stqarret magħha li l-għalliem tal-mużika fejn tmur titgħallem, kien qed idejjaqha bl-aġir tiegħu. Kompliet tgħid li bintha kienet tmur għal-lezzjonijiet tal-pjanu għand l-akkużat ġewwa XXXXX u kienet marret għal xi erbgħa lezzjonijiet, u wara r-raba' lezzjoni t-tifla qalet lil ommha li ma rieditx tmur aktar. X' ħin ommha staqsietha għalfejn, it-tifla stqarret li waqt il-lezzjoni l-għalliem kien biesha fuq ħaddejha u messilha saqajha. Ix-xhud ippreżenta r-rapport li kien ħejja bħala Dok. ST[8].

Xehed l-Ispettur Bernard Charles Spiteri[9] li qal li kien ġie infurmat mis-Surġent 1462 li kien irċieva rapport mingħand ċertu JD li kien irrapporta li bintu ta' ħames snin kienet ġiet iffastidjata mill-għalliem tagħha ċertu AB. Dawn l-affarijiet kienu seħħew fl-appartament ta' l-akkużat ġewwa XXXXX. Ġimgħa wara kien daħal rapport ieħor minn ċerta IF li qalet li binha ta' 11-il sena, EF kien stqarr magħha li waqt il-lezzjonijiet tal-mużika, ukoll ma' AB, kien ġie iffastidjat sesswalment. Kien tħejja rapport u kienet ġiet infurmata l-Maġistrat ta' l-Għassa li fetħet inkjesta. Sussegwentement kien ħareġ mandat t' arrest u tfittxija kontra l-akkużat li kien irrilaxxa stqarrija li kienet ġiet ukoll rekordjata. L-akkużat tressaq il-Qorti taħt arrest fit-28 ta' Frar 2023. Wara li tressaq il-Qorti daħal rapport ieħor fil-konfront tiegħu fejn ċerta KH irraportat ġewwa l-Għassa ta' XXXX li bintha kienet qaltilha li l-akkużat allegatament kien iffastidjaha sesswalment fil-21 ta' Frar 2023, waqt lezzjoni tal-mużika li kien jagħti fl-appartament tiegħu stess f' XXXXX.

---

[6] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 110 sa 111 ta' l-atti proċesswali.
[7] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 144 sa 146 ta' l-atti proċesswali.
[8] Ara r-rapport a fol. 147 sa 149 ta' l-atti proċesswali.
[9] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 150 sa 152 ta' l-atti proċesswali.

Xehed Anthony Mizzi[10] li kien ġie nominat biex jagħmel traskrizzjoni ta' l-istqarrija awdjoviżiva ta' l-akkużat liema traskrizzjoni huwa ppreżenta bħala Dok. AM.

Xehed PS1462 Joseph Attard[11] li qal li huwa kien xogħol ġewwa l-Għassa ta XXXX meta mar jagħmel rapport ċertu JD li kien irrapporta li bintu ta' 5 snin kienet tmur il-privat tal-pjanu għand ċertu AB fir-residenza tiegħu ġewwa XXXXX. Ix-xhud eżebixxa r-rapport li kien ħejja bħala Dok. JA.

Xehdu Dr Nigel Camilleri u Dr Daniel Vella Fondacaro[12] li ġew nominati mill-Maġistrat Inkwirenti bħala esperti psikjatriċi sabiex jintervistaw tnejn mit-tfal. Minn din l-intervista huma wasslu għall-konklużjoni li minn dak li rrakkontaw, it-tnejn għaddew minn storja simili u differenti fl-istess ħin. Dak li għaddew minnu huwa simili fis-sens illi hemm ir-riskju ta' "*sexual corruption of a minor and sexual assault".* It-tfal ma' kienux jafu x' ġara u t-tnejn ġew *groomed – sexually groomed by the same perpetrator.* L-inċident fiż-żewġ istanzi ġraw fid-dar ta' l-akkużat. Dr Camilleri xehed li t-tħassib tagħhom kien li ż-żewġ vittmi huma *pre-pubertal,* li jfisser li *they have no sexual, no secondary sexual characteristics.* It-tfal m' għandhomx l-abilità u lanqas il-fehma biex jifhmu l-kuntest tas-*sess and sexual intimacy.* Ix-xhud qal li peress illi ż-żewġt itfal kienu barranin iżżid il-possibilità li huma jkunu aktar vulnerabbli fis-sens illi għandhom inqas *social support* f'Għawdex. Ix-xhud qal li huma ta' l-opinjoni li t-tfal ipproċessaw dak li ġara mit-trawma li għaddew minnha. Huma ta' l-opinjoni li t-tfal m' għandhomx *post traumatic stress disorder* iżda EF kien aktar evażiv. Ix-xhud qal ukoll li aktar hemm ċans ta' *acute stress disorder, acute reactions,* li jfisser *some minor effects to his overall function.* Hemm il-possibilità li EF ikollu sintomi *long term* bħala riżultat tat-trawma li għadda minnha mill-abbuż. Huwa qal li f' dak il-punt ma' kienux tal-fehma li kien hemm bżonn ta' xi terapija jew intervent psikjatriku jew psikoloġiku iżda ikun tajjeb li l-ġenituri jiġu avżati li jista' jkun li t-trawma terġa toħroġ aktar 'l quddiem. Huma ppreżentaw ir-rapport tagħhom fl-atti ta' l-*in genere*.[13]

---

[10] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 154 sa 155 ta' l-atti proċesswali.
[11] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 191 sa 193 ta' l-atti proċesswali.
[12] Ara x-xhieda tagħhom mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 197 sa 201 ta' l-atti proċesswali.
[13] Ara ir-rapport tagħhom a fol. 127 sa 139 ta' l-atti proċesswali.

Xehed PC1058 Noel Mercieca[14] li qal li fis-27 ta' Frar 2023 mar jesegwixxi, flimkien ma uffiċjali oħra, mandat fil-konfront ta' l-akkużat AB. Ix-xhud ppreżentata r-rapport li pprepara hu stess.[15]

Xehed PS 506 Derek Bugeja[16] li ikkonferma r-rapport li ħejja hu u li ġie ppreżentat bħala Dok. KB2.[17]

Xehed PS Oliver Micallef[18] li qal li fis-27 ta' Frar 2023 flimkien ma PC 1058 mar jesegwixxi mandat t' arrest fil-konfront ta' l-akkużat AB. Għall-ħabta tas-07:30am marru fi triq il-XXXXX ġewwa XXXXX quddiem XXXXX, fejn għall-ħabta tat-08:00am raw lill-akkużat ħiereġ mill-bieb tal-komun. Huma marru fuq u informawh li kien taħt arrest u tawh kopja tal-mandat. Minn fuq il-persuna tiegħu elevaw *mobile phone* u laptop li qal li kien tiegħu però tax-xogħol. Saret tfittxija fir-residenza tiegħu u minn hemm elevaw il-*laptop* personali tiegħu. Imbagħad ħaduh l-Għassa r-Rabat fejn niżżluh fil-*lock up* u aktar tard ġie eskortat lejn iċ-Ċirkewwa fejn imbagħad ġie mgħoddi lil tal-*Vice Squad.*

Xehed JD[19] bil-lingwa Ingliża li qal li fit-12 ta' Jannar 2023 il-lezzjoni tal-pjanu li kienet tibda' fil-5:30pm bdiet naqra qabel, għall-ħabta tal-5:20pm peress illi kienu qed jistennew isfel u l-akkużat wasal ftit qabel għaliex ma' kellux studenti qabel. Huwa spjega li bintu ta' ħames snin kienet tmur titgħallem il-pjanu. Ix-xhud qal li dakinhar baqa' jistenna fil-karozza u t-tifla ħarġet fis-6:20pm. Huwa ħareġ biex iħallas għal-lezzjoni u waqt li kien qed ikellem lill-akkużat it-tifla marret ġol-karozza, ħaġa li s-soltu ma' kienitx tagħmel. Meta mar lura fil-karozza, beda' isuq u meta kienu għadhom XXXXX, bintu qaltlu li ma' rieditx tmur aktar għal-lezzjonijiet tal-pjanu. Huwa staqsiha għalfejn u hi qaltlu li l-għalliem kien għamlilha xi ħaġa ħażina. Hija spjegat li talabha biex jara ġisimha u talabha biex ibusha u biex hi tara ġismu. Kompla jgħid li bintu qaltlu ukoll li qabdilha idejha u poġġiha fuq il-parti tiegħu. Ix-xhud saq sa XXXXX u kellu jieqaf għax kien ixxukjat, imbagħad baqa' isuq sax-Xewkija fejn taħdem martu,

[14] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 202 sa 203 ta' l-atti proċesswali.
[15] Dok. NM a fol. 205 sa 207 ta' l-atti proċesswali.
[16] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 208 sa 209 ta' l-atti proċesswali.
[17] Fol. 9 sa 12 ta' l-atti proċesswali.
[18] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 211 sa 212 ta' l-atti proċesswali.
[19] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 213 sa 217 ta' l-atti proċesswali.

ġabruha u marru d-dar. Hu qal lil martu x' kien ġara. Is-soltu fil-għaxija qal li kien jaħdem bħala xufier tat-taxi iżda tant ħassu imdejjaq li kemm ħareġ għal siegħa u reġa' mar id-dar fejn kellem lil martu u mar l-għassa biex jagħmel ir-rapport. In kontro-eżami xehed li xi psikoloġiċi kellmu lil bintu, lilu u lil martu. Huwa xehed li t-tifla marret madwar għaxar lezzjonijiet tal-pjanu.

Xehdet IF[20] li qalet li fid-19 ta' Jannar 2023 binha kellu lezzjoni tal-pjanu u dakinhar wasslitu u marret għalih ommha peress illi kienet qed toqgħod magħha. Meta wasslu d-dar it-tifel kien qed jibki u jirtogħod u mar direttament fil-kamra tagħha. Hi staqsiet 'l ommha x' ġara u qaltilha biex tmur tkellmu. Meta marret tistaqsih xi ġralu qalilha li l-għalliem tal-pjanu missu fuq il-parti tiegħu, fuq u 'l isfel u biesu fuq xufftejh u qallu biex ibusu u jmissu lura. Hi qalet li binha jmur għall-pjanu XXXXX u mingħaliha li din kienet ir-raba' lezzjoni tal-pjanu li kellu. Hija qalet li marru direttament l-Għassa tar-Rabat jagħmlu rapport.

Xehdet KH[21] li qalet li darbtejn marret għal-lezzjoni tal-mużika maż-żewġt ibniet tagħha għalkemm kienet bintha GH ta' 7 snin li kellha l-lezzjoni biss. Peress illi waqt it-tielet lezzjoni bintha l-oħra li kienet iżgħar kienet qed ittellef, hija telqet biha u Louisa baqgħet weħedha. Meta ġabritha dehret normali. GH marret għar-raba' lezzjoni weħedha u l-ġimgħa ta' wara ftit qabel il-ħames lezzjoni GH qaltilha li ma kienitx ċerta rieditx tmur aktar. Hija ppruvat tipperswadi lit-tifla tmur iżda din qaltilha li l-għalliem kien imissha, kien mellisha fuq saqajha xi tlieta jew erbgħa darbiet waqt il-lezzjoni u kien biesha fuq ħaddejha u qalilha minn taħt l-ilsien li dan kien is-sigriet tagħhom. Huma waqqfu l-lezzjonijiet u wara ħames ijiem marret għand il-pulizija. Hija identifikat lill-akkużat fl-awla. In kontro-eżami hija kkonfermat li bintha marret għal erbgħa lezzjonijiet li kienu ta' siegħa kull waħda. Hija qalet ukoll li dan l-akkadut ġara fit-tielet lezzjoni u fir-raba' lezzjoni huwa mellisha fuq saqajha.

Xehdet MF[22] fejn qalet li darba minnhom, inzerta kien il-Ħamis ħadet lin-neputi tagħha EF għal-lezzjoni tal-pjanu ġewwa XXXXX u meta wasslu ma' riedx jidħol u qalilha li ma riedx imur aktar jitgħallem u ma riedx imur aktar hemm ġew. Hi qaltlu la kienu

[20] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 218 sa 220 ta' l-atti proċesswali.
[21] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 221 sa 223 ta' l-atti proċesswali.
[22] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-18 ta' Mejju 2023 a fol. 240 sa 244 ta' l-atti proċesswali.

marru mir-XXXXX dakinhar kellu imur imbagħad wara jkellmu 'l ommu u tgħidilha li ma' kienx kuntent idoqq il-pjanu. U beda' jibki u qalilha li jekk kienu ser jagħmlu hekk ma' kellux għalfejn jidħol. Hu mar fir-rokna jibki u hi qaltlu li siegħa malajr tgħaddi u allura daħal. Hi kienet ma oħtu li hi iżgħar minnu. Meta marret għalih, ħabtet il-bieb u kif raha ħa r-ruħ. Hi staqsiet lill-għalliem kif kien qed imur u qalilha tajjeb. Fil-pront bdiet ix-xita u l-akkużat staqsa rieditx li jwassalhom x' imkien u hi rrifjutat għax qalet li jħobbu jimxu. X'ħin wasslu d-dar lanqas taha ċans toħroġ iċ-ċavetta għax daqq il-*buzzer* u ma' waqafx. Waqt li kien magħha beda jibki ħafna. Ommu staqsiet x' kien ġara u hi qaltilha li aħjar tkellmu u ħaditu fil-kamra tas-sodda. Wara xi tmien jew għaxar minuti ommu ħarġet tiġri u meta x-xhud staqsietha fejn sejra qaltilha għand il-pulizija. In kontro-eżami x-xhud qalet li damu madwar nofs siegħa biex jaslu d-dar. Hija qalet li meta ġabret lit-tifel u qagħdet titkellem ma' l-għalliem it-tifel kien preżenti iżda huma kienu qed jitkellmu bil-Malti. It-tifel ma' għamel l-ebda moviment li ried jitlaq waqt li hi kienet qed titkellem ma' l-għalliem.

Xehdet l-Ispettur Kylie Borg[23] li qalet li fit-12 ta' Jannar 2023 kienet l-Ispettur ta' l-Għassa ġewwa l-*Vice Squad* u ġiet infurmata mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri li dakinhar stess għall-ħabta tat-20:30hrs kien daħal rapport ġewwa l-Għassa tar-Rabat, minn ċertu JD li allega li bintu ta' ħames snin ġiet fastidjata sesswalment mill-għalliem tal-mużika tagħha. Huwa qal li meta mar jiġbor lil bintu hi qaltlu li l-għalliem kien staqsiha rieditx tbusu u hi rrifjutat. Talabha biex jara l-parti tagħha jew rieditx tara tiegħu però irrifjutat ukoll. L-ispetturi ftehmu li, minħabba l-età tenera tat-tifla, kien aħjar li jkellmu lill-Maġistrat sabiex it-tifla tiġi mitkellma minn xi ħadd professjonali. Fil-fatt il-Maġistrat ħatret lil Dottor Nigel Camilleri u Dottor Daniel Fondacaro sabiex ikellmu lill-minuri. Sussegwentement ix-xhud ġiet infurmata mill-Ispettur Spiteri li fid-19 ta' Jannar 2023, kien daħal rapport ieħor fil-konfront ta' dan l-għalliem u ċioè AB. Dan ir-rapport sar minn IF fejn allegat li t-tifel minuri tagħha kien ġie fastidjat mill-istess għalliem tal-mużika tiegħu. Ix-xhud qalet li reġgħu infurmaw lill-Maġistrat li estendiet l-inkarigu tal-esperti diġà maħtura għal dan il-vittma. Fis-6 ta' Marzu 2023 reġa' daħal rapport ieħor minn KH fejn qalet li t-tifla tagħha kienet iffastidjata sesswalment minn dan l-għalliem li kienet tmur għandu għal-lezzjonijiet tal-pjanu. L-ispettur Spiteri arresta lil AB u

[23] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-21 ta' Mejju 2023 a fol. 245 sa 247 ta' l-atti proċesswali.

ttieħdet l-istqarrija tiegħu li għaliha kien hemm preżenti ukoll ix-xhud. Sussegwentement dan tressaq b' arrest quddiem il-Qorti.

L-akkużat irrilaxxa stqarrija b' mod awdjoviżiv fl-10 ta' Marzu 2023[24] fejn qal li hu għandu 26 sena u joqgħod XXXXX. Huwa jaħdem bħala LSA ġewwa l-Iskola Primarja XXXXX fejn jgħin tifel ta' 5 snin li jbagħti mill-kundizzjoni ta' *Autism Spectrum disorder*. Qal ukoll li ilu f'dan ix-xogħol għal dawn l-aħħar seba' jew tmien snin. Hu stqarr ukoll li jagħti l-privat tal-pjanu, drums, vjolin u kitarra ġewwa d-dar tiegħu stess. Bejn wieħed u ieħor huwa qal li jkollu bejn erbgħa u sitt studenti għall-privat fil-ġimgħa u kull student ikollu lezzjoni darba fil-ġimgħa. Stqarr li huwa ikollu jagħti l-privat bejn l-4:30 u s-6:30 ta' wara nofsinhar. L-akkużat ikkonferma li jaf lill-*parte ċivile* CD li kienet tmur għandu għall-privat tal-pjanu u damet tmur xi xahrejn. Huwa qal li qabdet u waqqfet u l-ġenituri tagħha ma' tawhx raġuni. L-akkużat ikkonferma ukoll li EF kien student tiegħu tal-pjanu li waqaf imur għal-lezzjonijiet u l-akkużat ma' ingħatax raġuni. Huwa stqarr li normalment jgħidulu meta ikunu ser jieqfu jmorru iżda qal ukoll li jiddependi mit-tfal ukoll. Stqarr ukoll li raha stramba li dawn it-tfal waqqfu jmorru ħabta u sabta. Skont hu ħaseb li forsu waqqfu jmorru għaliex peress illi kienu barranin telqu mill-ġżira. Mistoqsi għalfejn il-*parte ċivile* CD marret tibki wara l-lezzjoni tal-pjanu huwa qal li ma jafx għalfejn. Iffaċċat bl-allegazzjoni li hu prova jbusha, l-akkużat ma qal xejn. Mistoqsi jiftakarx li staqsa lil CD tridx tbusu qal li ma' jiftakarx. Qal ukoll li qatt ma' kellu problemi ma' ħadd. L-akkużat innega li hu talab lil CD biex jara l-parti tagħha jew li messilha l-parti tagħha. L-akkużat, mistoqsi aktar fuq dan l-episodju għażel li ma' jitkellimx. L-akkużat ikkonferma illi meta t-tfal imorru għall-privat huma ikunu weħedhom u l-lezzjonijiet isiru fis-salott u martu tkun ġod-dar iżda mhux ħdejh għaliex tkun qed taħdem. L-akkużat qal li lit-tfal hu jwassalhom sal-bieb ta' barra u ma' jħallihomx jiġġerrew mad-dar waħedhom. Huwa kkonferma li CD kienet qed tgħid il-verità meta qalet lil missierha li l-allegat abbuż ġara waqt li l-akkużat kien qed iwassalha mis-salott sal-bieb ta' barra.

Dwar EF, l-akkużat ikkonferma li hu jikkomunika ma' ommu. Mistoqsi dwar l-allegat inċident li t-tifel qed jallega li seħħ, l-akkużat għażel li ma' jitkellimx. L-akkużat qal li hu

[24] Ara t-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-akkużat eżebita bħala Dok. AM a fol. 156 sa 190 ta' l-atti proċesswali.

la għandu tfal tiegħu u lanqas neputijiet. Qal ukoll li ilu ħafna jaħdem fl-ambjent tat-tfal. L-akkużat qal li m' hemmx raġuni għalfejn, kemm xogħolu kif ukoll fejn jidħol il-privat li jagħti, huwa dejjem ikun fl-ambjent tat-tfal. Huwa stqarr li jekk jiġu l-adulti għall-privat hu jaċċettahom ukoll fil-fatt huwa għandu żewġ jew tlett adulti li jmorru għandu b'mod regolari. L-akkużat ma' tax spjegazzjoni għalfejn lil dan it-tifel qallu ma' jgħid xejn meta skont hu ma' għamel xejn ħażin. L-akkużat qal li ma' jafx għaliex kollox qisu jiġri fl-aħħar lezzjoni u qal ukoll li jifhem li t-tfal huma l-aktar ħaġa prezzjuża tal-ġenituri.

L-akkużat qal li ilu miżżewweġ sentejn u għandu relazzjoni tajba mal-mara. Qal ukoll li huwa jirriklama li jagħti l-privat fuq il-media soċjali.

L-akkużat stqarr li ma' kellu l-ebda problema dwar ħlas mal-ġenituri ta' dawn it-tfal u fil-fatt kienu jħallsuh wara kull lezzjoni. Stqarr ukoll li ma' jiftakarx li qatt kellu xi problemi ma' CD waqt xi lezzjoni. Huwa qal li meta wasslet il-ġurnata tal-lezzjoni ta' CD u din ma' tfaċċatx huwa ċempel 'l ommha u qaltlu li mhux ser tmur aktar bla spjegazzjoni ta' xejn u qatgħatlu t-telefon. Normalment il-lezzjoni ma' kull student tkun ġurnata fissa iżda ġieli imbagħad isiru tibdiliet skont l-esiġenzi kemm tiegħu u kif ukoll ta' l-istudent. Il-lezzjonijiet isiru jew fl-4:30 jew inkella fil-5:30 ta' wara nofsinhar.

L-akkużat qal li qatt ma' kellu problemi ma' EF u fil-fatt qatt ma' kellu problemi ma' ħadd. Lil dan EF kien iwasslu sal-bieb ta' barra ukoll meta kienet tintemm il-lezzjoni. L-akkużat qal li hu joqgħod fit-tielet sular ġewwa blokk appartamenti li fih ma' hemmx lift iżda taraġ biss. L-akkużat qal li ma' jiftakarx kellux xi diżgwid ma' EF waqt l-aħħar lezzjoni u ma' jiftakarx telaqx kuntent jew le wara din il-lezzjoni.

L-akkużat qal li qabel LSA l-iskola primarja XXXXX huwa kien XXXXX, XXXXX u XXXXX u bħala l-etajiet tat-tfal qisu sa' 10 jew 11-il sena. Huwa ried ikun LSA fil-primarja għax dejjem ried li jittrasferixxi ruħu XXXXX u hemmhekk hemm aktar skejjel primarji milli sekondarji. Mistoqsi għalfejn dawn iż-żewġt itfal, huwa qal li ma' jafx il-għala. Mistoqsi ħass xi ħaġa imqar żgħira għal dawn it-tfal qal li ma jafx. Mistoqsi għalfejn ried jgħannaq it-tifla miegħu qal li ma kienx jaf għaliex. L-akkużat qal li kellu studenti oħra ta' 5 snin li kienu subien. Għandu ukoll studenti ta' għaxar u sitt snin. L-akkużat stqarr li m' għandux problemi.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużat xehed f'dawn il-proċeduri[25] u qal li huwa kien jaħdem bħala LSE iżda meta ġie arrestat fuq dan il-każ huwa kien ġie sospiż mix-xogħol. Huwa xehed li kien jagħti ukoll il-privat tal-pjanu, *drums*, kitarra u teorija. L-akkużat ċaħad bil-qawwa kollha l-akkużi kontra tiegħu. Il-*parte ċivile* CD kienet ilha tmur għal-lezzjonijiet tal-pjanu għandu mis-sajf tas-sena 2022 sa Jannar 2023. Huwa xehed li kien jagħti l-lezzjonijiet fis-salott ġewwa l-appartament tiegħu f'Marsalforn li qiegħed fuq it-tielet sular u allura hemm tlett sulari taraġ. Huwa spjega li meta wieħed jiftaħ il-bieb ta' l-appartament ser isib kuritur fuq il-lemin, u gallarija fuq ix-xellug u faċċata hemm *wall unit*. Imbagħad hemm is-salott li għandu gallarija u tieqa li jagħtu għat-triq u l-pjanu li kien keyboard kien taħt it-tieqa u hemm ukoll bieb fuq ix-xellug. Normalment il-bieb tal-komun t'isfel kien jinżamm miftuħ. Huwa spjega li t-tfal kien itellaħhom u jniżżilhom hu sabiex ma' jinżlux weħedhom u joħorġu fit-triq peress illi l-bieb tal-komun kien ikun miftuħ u ukoll għaliex il-ħadid tat-taraġ kien perikoluż. L-akkużat eżebixxa tlett ritratti li juri t-taraġ tal-komun, il-ħadid ta' dan it-taraġ u ritratt ieħor li juri li raġel jista' jgħaddi rasu minn ġewwa l-ħadid u għalhekk huwa perikoluż għaliex tifla żgħira faċilment tista' tgħaddi u taqa' għal isfel tlett sulari u allura lit-tfal kien iżommilhom idejhom biex ma' jweġġawx. Huwa spjega li meta CD ma' tfaċċatx għal lezzjoni hu ċempel 'l ommha li qaltlu li mhux ser tmur aktar u qatgħatlu ġo wiċċu.

Dwar il-parte ċivile GH, l-akkużat qal illi marret għal-lezzjonijiet f'Jannar biss u ma' kienitx taf xi strument riedet titgħallem allura bdielha xi teorija bażika. It-tifla kienet interessata fil-pjanu iżda ommha kienet qalet li l-pjanu jiswa' ħafna flus u allura interessat ruħha fil-kitarra għaliex dik l-irħas. Huwa ċaħad li għamel dak li allegat fil-konfront tiegħu.

Dwar xogħlu ta' LSA l-akkużat qal li kien jaħdem mat-tfal bi bżonnijiet speċjali, ġieli kinder 1, kinder 2, year 2, year 5 u year 6 u fis-snin kollha li għamel bħala LSA, sa fejn jaf hu ħadd qatt ma' għamel allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu. Huwa kien ukoll attiv fis-Soċjetà XXXXX, kien bandist tal-banda Leone għal tnax jew tlettax-il sena. Kien idoqq ukoll fil-XXXXX, li hija banda taż-żagħżagħ fejn kienu jiġbru grupp żagħżagħ

[25] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-19 ta' Settembru 2024 a fol. 292 sa 306 ta' l-atti proċesswali.

biex irawmuhom mal-banda. Kien jieħu sehem ukoll fit-XXXXX, li kienet parti mis-soċjetà. F'dawn l-oqsma hu kien involut ma' tfal żgħar, tfal kbar, xjuħ, subien tamparu, tfal kbar u adolexxenti.

Skont l-akkużat, meta allegatament ġara dak li allegaw CD u GH martu kienet id-dar għaliex kienet ma' tiflaħx u kienet fil-kamra tas-sodda li kienet l-ewwel kamra li tiġi ma' ġenb is-salott. L-akkużat qal li l-bieb ta' l-appartament ġieli kien iħallieh miftuħ bejn lezzjoni u oħra.

Dwar EF l-akkużat ċaħad l-allegazzjonijiet u qal li kien ilu ma' jmur għal-lezzjonijiet u kien qisu ma' ipprattikax d-dar u kien wasal biex jibda' livell ieħor imma l-akkużat qallu li qabel riedu jirrepetu ftit il-ktieb l-ieħor u ħadha bi kbira għax staqsieh setax jitlaq iżda l-akkużat ma ħalliehx. Dik kienet l-aħħar darba li mar għal-lezzjonijiet.

L-akkużat qal li kien irriżulta li martu kienet tkun ma' tiflaħx għax kienet tqila u fil-ġurnata li kien qed jixhed kellu tifla ta' ħdax-il xahar.

In kontroeżami l-akkużat qal li l-bieb tas-salott kien ikun magħluq iżda mhux imsakkar waqt il-lezzjonijiet.

Xehed Dr Michael Caruana[26] bħala xhud *in difesa* li qal li għalkemm huwa avukat huwa jaħdem fin-negozju. Huwa qal li huwa l-President tas-Soċjetà XXXXX illi hija s-sede tal-banda u hemmhekk jgħallmu lill-bandisti żgħar biex jikbru fl-arti mużikali. Huwa qal li ilu f' dik is-soċjetà għal sitta u tletin sena u huwa hekk kif jaf lill-akkużat bħala bandist li kien jitgħallem mal-banda tas-soċjetà. Huwa xehed li l-akkużat kien attiv f'attivitajiet oħra imtellgħin mis-soċjetà kif ukoll attivitajiet oħra bħala kunċerti tal-banda li jsiru fit-teatru u anke f'postijiet oħra barra l-każin. L-akkużat idoqq il-*percussions.* Xehed illi għal dawn l-attivitajiet jattendu tfal u anzjani u jiddependi fuq it-tip ta' attività. L-akkużat kien ikollu kuntatt ma' kulħadd inkluż it-tfal u dan bħal kulħadd. Ix-xhud qal li qatt ma' kellu ilmenti dwar l-akkużat u dejjem rah bħala żagħżugħ li jieħu l-inizjattiva u dedikat.

[26] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-19 ta' Settembru 2024 a fol. 310 sa 312 ta' l-atti proċesswali.

Xehed Dun Anton Refalo[27] bħala xhud *in difesa* li qal li jaf lill-akkużat għaliex sentejn qabel kien beda' imur il-parroċċa tal-XXXXX sabiex janima l-quddiesa tat-8:30 ta' filgħodu bil-kant u bil-mużika. Ix-xhud qal li l-akkużat kien jagħmel *rehearsal* mal-kor li fih kien hemm ħamest itfal, fost oħrajn. Ix-xhud xehed li kien l-akkużat stess li ċempillu u qallu li ma setax imur aktar. Qal ukoll li qatt ma kien irċieva xi ilment dwar l-akkużat.

Xehed Raymond Randall Cilia[28] bħala xhud in difesa li qal li huwa l-kap ta' l-iskola primarja ta' XXXXX iżda qal li jaf lill-akkużat għaliex kien għamel żmien bħala kap ta' l-iskola ta' XXXXX fejn l-akkużat kien għamel żmien jaħdem bħala LSE. Dwar jekk f' dak il-perjodu, fl-iskola ta' XXXXX, kienx hemm ilmenti fil-konfront ta' l-akkużat ix-xhud qal li ma jiftakarx u probabbilment la ma jiftakarx ma' kienx hemm. Huwa qal ukoll li l-akkużat huwa ta' ftit kliem.

Xehdet Anabel Ebejer[29] fil-kapaċità' tagħha ta' Uffiċjal tal-Probation li qalet li kienet ġiet maħtura sabiex tagħmel *Social Inquiry Report* fil-konfront ta' l-akkużat, liema rapport ġie eżebit bħala Dok. SIR1.[30] Hija xehdet li l-akkużat qatt ma' kellu każijiet u għandu fedina penali netta. Xehdet ukoll li l-akkużat ġie deskritt minn martu bħala raġel eżemplari u tar-rispett u kienu ilhom ħafna f'relazzjoni. Hija qalet ukoll li għandu ħajja stabbli. Qalet ukoll li huwa qed jirċievi trattament psikjatriku riżultat tal-każ odjern.

Xehdet Erica Spiteri[31] bħala xhud in difesa li qalet li hija kienet l-kap ta' l-iskola ta' XXXXX fejn l-akkużat kien għamel tlett snin jaħdem bħala LSE u ċioè jassisti tfal bi bżonnijiet speċjali. Hija qalet li qatt ma' rċeviet ilmenti dwar l-akkużat li kien jagħmel dmiru bil-kwiet. L-akkużat kien kalm mat-tfal u kien jaħdem tajjeb ma' l-għalliema tal-klassi kif ukoll mal-ġenituri u fil-fatt ma' kienx hemm rapporti dwaru.

Ikkunsidrat;

---

[27] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-19 ta' Settembru 2024 a fol. 313 sa 315 ta' l-atti proċesswali.
[28] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-19 ta' Settembru 2024 a fol. 316 sa 318 ta' l-atti proċesswali.
[29] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fl-14 ta' Novembru 2024 a fol. 324 sa 326 ta' l-atti proċesswali.
[30] Ara r-rapport "SIR1" a fol. 328 sa 341 ta' l-atti proċesswali.

[31] Ara x-xhieda tagħha mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2024 a fol. 351 sa 354 ta' l-atti proċesswali.

Illi mill-provi prodotti, u senjatament, ix-xhieda tat-tlett vittmi li lkoll huma minuri fuq naħa waħda u l-istqarrija ta' l-akkużat u x-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti fuq in-naħa l-oħra, jirriżulta li din l-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet diametrikament opposti.

Illi filwaqt li l-*parte civile* u ossia t-tlett vittimi minuri rrakkontaw b' mod ċar u konsistenti dak li għaddew minnu meta kienu fil-preżenza ta' l-akkużat, liema verżjoni dejjem baqgħet l-istess, kemm meta stqarrew x' ġara mal-ġenituri tagħhom a *tempo verġine* u kemm meta xehdu quddiem din il-Qorti, meta l-akkużat xehed quddiem din il-Qorti huwa ċaħad l-allegazzjonijiet miġjuba kontrih.

Illi, fid-dawl ta' dan il-kunflitt, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[32] fejn jingħad:

> "*Illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.*"

Illi għalhekk il-Qorti għandha teżamina l-provi miġjuba quddiemha fid-dawl tal-Artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha. Tali eżami, madanakollu, ma jistax isir b'mod spezzettat għaliex kif ġie ritenut fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis A:**[33]

> *"Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali iżda l-provi għandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x' inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analizi individwali jew separata tal-*

[32] **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, Qorti tal-Appell Kriminali, 9 ta' Lulju 2003, (App. Krim. Nru 59/2003).
[33] Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis A, Qorti Kriminali, 6 t' Ottubru 2023, (Att ta' Akkuża Nru: 10/2022).

*provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Di più hawnhekk il-Qorti sejra tagħmel parentesi u dan a rigward l-idonejità tal-minuri bħala xhieda u tagħmel referenza għal dak li qal Sir Anthony Mamo fin-*Notes on Criminal Procedure*[34] fuq dan il-punt:

> *"The essential condition is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony …. Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness.*
>
> *Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn.*
>
> *If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giużeppi Bonnici**[35] gie ritenut:

> *"Skond il-Liġi Maltija (art. 626 Kap. 12), ħadd ma jista' jiġi eskluż milli jaghti x-xhieda tiegħu minħabba li ma jkollux xi età partikulari. Iżda, tkompli tgħid il-Liġi ta' Malta, hemm bżonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, għalkemm mhux ta' l-età, jaf illi hija ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll liġi*

[34] Ara Notes on Criminal Procedure, Sir Anthony Mamo u emendati mill-Imħallef V. De Geatano, pg 106-107

[35] Il-Pulizija vs Ġużeppi Bonnici, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 28 ta' Marzu 1949

*(art. 625) illi meta l-Qorti, minħabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhimx l-importanza tal-ġurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha meħtieġ illi x-xhud, qabel ma jixhed, għandu jiġi nfurmat aħjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista' jekk fil-fehma tagħha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, tħalli l-kawża għal ġurnata oħra;"*

Ikkonsidrat;

Illi l-Qorti semgħet lill-minuri jiddeponu u jirriżulta mix-xhieda tagħhom illi huma kienu konsistenti kemm fid-deskrizzjoni ġenerika mogħtija kif ukoll fid-dettall li xehdu dwaru. Għalkemm huma kollha minuri u tnejn minnhom huma taħt l-età ta' 10 snin, il-Qorti ssib li jafu x'inhi l-verità. Il-verżjoni mogħtija minnhom kienet konsistenti kemm *a tempo vergine*, kemm quddiem l-esperti waqt l-*in genere* kif ukoll quddiem din il-Qorti, numru ta' ġimgħat wara li seħħew l-allegati inċidenti. Illi l-Qorti ssib li l-verżjoni mogħtija minnhom hija verosimili u kredibbli u għalhekk il-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tistrieħ u temmen il-verżjoni tal-vittmi.

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel akkuża mogħtija mill-Avukat Ġenerali fir-Rinviju għall-Ġudizzju, AB qed jiġi akkużat li wettaq ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fil-konfront ta' CD, biċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 203(1)(a) u (ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi fin-noti tiegħu l-Professur Anthony Mamo [36] jgħid li dan ir-reat:

*"…. deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive,*

[36] Notes on Criminal Law, Professor Anthony J. Mamo revised edition, pg 202

*committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*

Illi l-Professur Anthony Mamo jkompli billi jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jgħid:

"*The first ingredient of the crime is precisely, the age of the victim who must be below eighteen (18) years.*

*The second ingredient, which represents the material element of the crime consists in the lewd acts. …. it is evident that the expression "lewd acts" (atti di libidino) in the model was designedly used to make it clear that mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense, do not constitute the crime in question. It is required that the defilement be by lewd acts.*

*The lewd act constituting this crime must be committed either on the person of the minor or even simply in his presence. To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilement and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."*

Il-Professur Mamo jkompli billi jiddeskrivi dawn l-egħmil żieni bħala:

*"…inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual appetite."*

*"The third ingredient of the crime is the defilement."*

*"As to the intentional element of the crime, no specific intent to defile is necessary. The defilement, whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile. If the acts are inherently capable of this effect, it is impossible to maintain that*

*the agent who willed the acts did not also will and intend the consequences inherent in their nature."*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**[37] fejn ġie ritenut:

*"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359)."*

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għal dak mgħallem mill-awtur Francesco Carfora[38] fejn qal:

*"Atti di libidine.... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, acui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali."*

Illi bil-fatti li l-akkużat talab lill-vittma, CD, tifla li kellha biss l-età ta' ħames snin fil-mument tal-allegati inċidenti biex tbusu, biex jaralha l-parti tagħha u juriha tiegħu, kien imellisha u anke poġġielha jdejha fuq il-parti privata tiegħu, il-Qorti ssib li dawn l-

[37] Il-Pulizija vs Thomas Wiffen, Qorti ta' l-Appell inferjuri, 8 ta' Jannar 1996, Volum 80 (1996), Parti Nru. 4, Taqsima 2, Paġna 146

[38] Digesto Italiano, vol, VIII, parte 3, p.967. Din il-kwotazzjoni ġiet meħuda mis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Thomas Wiffen, Qorti ta' l-Appell inferjuri, 8 ta' Jannar 1996, Volum 80 (1996), Parti Nru. 4, Taqsima 2, Paġna 146.

azzjonijiet għandhom konnotazzjoni sesswali u jammontaw għal "atti di libidine" kif deskritt hawn fuq. Illi di più, mir-rapport tal-esperti psikjatriċi jirriżulta illi dan l-episodju affettwaha negattivament, imqar jekk għal ftit ġimgħat, u l-Qorti tifhem illi din il-minuri ta' l-età daqshekk tenera ixxukkjat ruħha.

Illi di più, ġie stabbilit ukoll li l-vittma kellha inqas minn tnax-il sena u li hija kienet fdata f'idejn l-akkużat *qua* tutur, jew persuna li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ġiet fdata l-parte ċivile sena sabiex jedukaha u jgħallimha l-mużika. Filfatt, kemm mix-xhieda kif ukoll mill-istqarrija tiegħu stess, l-akkużat jikkonferma li hu kien jagħti l-privat lill-vittma.

Illi għalhekk, il-Qorti ssib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din l-ewwel akkuża fil-konfront tiegħu bl-aggravji kkontemplati fl-Artikoli 203(1)(a) u (ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni akkuża miġjuba fil-konfront tal-akkużat hija dik arġinata fuq l-Artikoli 251A(1)(ċ)(e) u (4); 251H(ċ)(d) u 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ossija li wettaq ir-reat ta' fastidju kontra CD kif aggravat.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roger Galea**[39] ġie ritenut:

> *"L-Ewwel Qorti, fid-deċizjoni tagħha kienet tal-fehma illi l-aġir tal-appellat fil-konfront tal-vittma meta hija ħarġet mill-kamra tal-banju kien meqjus bħala aġir b'konnotazzjoni sesswali, liema imġieba ma kenitx mixtieqa mill-vittma u wkoll li kien wieħed offensiv, umiljanti, degradanti u intimidatorju, madanakollu qieset li din l-imġieba kienet marbuta ma' okkażjoni waħda biss u għalhekk, b'referenza għal ġurisprudenza kopjuza dwar dak li jikkostitwixxi ir-reat tal-fastidju taħt l-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, kkonkludiet li l-elementi tar-*

[39] **Il-Pulizija vs Roger Galea**, Qorti tal-Appell Kriminali, 6 ta' Jannar 2023 (App Nru 215/2022).

*reat ma jissussistux u għaldaqstant illiberat lill-appellat mill-akkuża dedotta kontrih.*

*Illi għalkemm ir-reat li bih l-appellat jinsab mixli jinsab imħaddan fl-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, u cioe' ir-reat tal-fastidju, liema reat l-qrati tagħna kostantement interpretawh bħala tali li jirrikjedi imgieba mifruxa fuq għal ta' l-anqas żewġ okkażjonijiet, madanakollu ir-reat ikkontemplat fis-sub-inciz (1)(e) ta' dan l-artikolu tal-Liġi, kif ġustament jikkonkludi l-appellant Avukat Generali, ma iħaddan fih l-istess elementi li jiffurmaw ir-reati enkapsolati fis-sub-incizi (a) u (b) promulgati mat-twelid ta' dan ir-reat permezz ta' l-Att XX tal-2005 fejn l-att materjali tar-reat jikkonsisti fl-imġieba li timporta fastidju jew inkella kif jidher mit-test Ingliż meta l-awtur tar-reat "pursues a course of conduct which amounts to harassment"...*

*... omissis....*

*...Illi minn qari tad-dicitura ta' dawn ir-reati l-ġodda, huwa evidenti li l-att vjolattiv tal-Liġi ma għadux dak ta' imġieba devjanti mifruxa fuq iktar minn okkażjoni waħda, iżda jirrizulta ukoll meta ikun hemm att wiehed li jaqa' fid-definizzjoni ta' dawn is-sub-incizi ġodda għall-artikolu 251A. B'mod speċifiku is-sub-inciz (1)(e) li jikkontempla ir-reat addebitat lill-appellat jitkellem fuq "**att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali"**, b'distinzjoni cara bejn il-kelma "att" u "imġieba", bir-reat allura jissussisti anke meta ikun hemm att vjolattiv wiehed. Illi anke t-test Ingliż għal-Liġi ma jirrendiex lill-awtur tarreat hati biss meta "(he) pursues a course of conduct" izda meta "(he) subjects another person to **any act** and, or conduct with sexual connotations", b'distinzjoni hawnhekk ukoll bejn il-kelma "act" u "conduct".*

Illi mill-provi prodotti rriżulta li l-akkużat għamel diversi atti fil-konfront ta' CD. Fl-ewwel lok, bil-fatt li huwa poġġielha jdejha fuq il-parti privata tiegħu[40] il-Qorti tara li huwa

[40] A fol 36 tal-atti proċesswali.

issoġġettaha għal att ta' intimità fiżika u b'hekk l-aggravju kkontemplat fl-Artikolu 251A(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali huwa b'dan sodisfatt. Illi fit-tieni lok, jirriżulta mill-provi li l-akkużat talabha tbusu u anke saqsieha biex jaralha l-parti tagħha[41] u fil-fehma tal-Qorti dawn l-attivitajiet jammontaw għal atti jew imġieba li għandhom konnotazzjoni sesswali kif kontemplati fl-Artikolu 251A(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-bran segwenti mix-xhieda tal-minuri CD fejn jingħad:

> *"The Court: So you used to go to a boy to teach you piano, and then you went to a girl, a lady to teach you the piano, from XXXXX to XXXXX. I am curious, why did you change your teacher?*
>
> *The Witness: Because my teacher one time he change it and he were rude at me about something."*

Minn dan il-bran jirriżulta għall-Qorti li l-atti mwettqa mill-akkużat tant ma kienux mixtieqa mill-vittma li wara li seħħew hija ma' ridtx tmur aktar għandu u fil-fatt biddlet l-għalliema tal-mużika tagħha.

Illi għalhekk il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova wkoll din it-tieni akkuża fil-konfront tal-akkużat.

Ikkunsidrat;

Permezz tat-tielet akkuża l-Avukat Ġenerali akkuża lil AB talli għamel attentat ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq il-minuri EF minorenni u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a); 207; 202(g)(k) tal-Kodiċi Kriminali.

[41] A fol 35 tal-atti proċesswali.

Illi qabel xejn jingħad li r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali ssostitwixxa r-reat ta' attentat vjolenti fuq il-pudur tramite l-emendi li daħħlu fis-seħħ bl-Att XIII tal-2018, u illum jissussisti dan ir-reat kull meta l-att vjolattiv isir mingħajr il-kunsens' tal-vittma.

Illi dwar l-elementi materjali ta' dan ir-reat, ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sebastian Vassallo**[42] illi:

> *"Issa l-liġi ma tagħti ebda definizzjoni ta' liema att jew atti għandhom jkunu meqjusa li huma ta' natura sesswali. Dan jitħalla mill-leġislatur f'idejn min hu imsejjaħ biex jiġġudika u dan skont iċ-ċirkostanzi li fihom jiġu kommessi dawn l-atti impudiċi, purche' l-att materjali ma jkunx wieħed li jikkostitwixxi xi reat ikkontemplat fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kodiċi Kriminali. Li hu żgur huwa li l-intenżjoni tal-awtur tar-reat trid tkun tali illi tfittex il-gratifikazzjoni sesswali tiegħu, billi jekk l-att isir b'mod aċċidentali jew inkonxjament allura jitlef in-natura libidinuża tiegħu."*

Ukoll, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Oglive Grima**[43] ingħad illi:

> *...Illi llum l-leġislatur ħaseb sabiex darba għal dejjem jekwipara dan l-element tal-vjolenza ma' dak tan-nuqqas tal-kunsens similment għal pożizzjoni legali fil-liġi brittannika fejn kull att sesswali jew tentattiv ta' att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens tal-vittma jammonta għal reita'. Jingħad madanakollu illi l-ġurisprudenza, mal-medda taż-żmien, xorta waħda rabtet dan l-element tal-vjolenza ma' dak fejn jonqos il-kunsens tal-vittma."*

Mix-xhieda tal-minuri EF mogħtija quddiem din il-Qorti jirrizulta li l-akkużat kien mellsu fuq sidru u saqajh u pprova jġegħlu jagħmel l-istess lilu. Ix-xhud stqarr ukoll li l-akkużat pprova ibusu fuq xufftejh iżda hu qam bil-wieqfa u qallu jieqaf.

---

[42] **Il-Pulizija vs Sebastian Vassallo**, Qorti tal-Appell Kriminali,19 ta' Ottubru 2022, (App Nru 454/2019)
[43] **Il-Pulizija vs Oglive Grima**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 30 ta' Settembru 2020 (App. Nru 214/2019)

Illi fil-fehma tal-Qorti jirriżulta li bl-aġir tiegħu, l-akkużat ittenta jikkommetti atti ta' natura sesswali fuq il-vittma. Ukoll, l-akkużat wettaq dawn l-atti konxjament u ma rriżultaw l-ebda atti inċidentali. Għalhekk il-Qorti ssib ukoll li hemm il-ħsieb libidinuż b'dawn l-atti da parti tal-akkużat.

Jirriżulta wkoll li l-imsemmi EF kien minuri fiż-żmien li seħħew dawn ir-reati u li għalhekk l-aggravju taħt l-Artikolu 202(g) tal-Kodiċi Kriminali mogħti mill-Avukat Ġenerali ġie sodisfatt. Di più, jirriżulta wkoll mill-provi illi l-vittma saħansitra kellu inqas minn ħmistax-il sena kif kontemplat fl-Artikolu 208AĊ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali reż applikabbli għal din l-akkuża bl-Artikolu 202(k) tal-Kodiċi Kriminali mogħti mill-Avukat Ġenerali.

Illi madanakollu, jirriżulta wkoll li l-vittma EF qam bil-wieqfa u rreżista l-azzjonijiet tal-akkużat. Sussegwentement, l-akkużat ma kompliex jeżegwixxi dan ir-reat minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u dan skont kif kontemplat fl-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li din it-tielet akkuża ġiet ippruvata min-naħa tal-Prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi bir-raba' akkuża mogħtija mill-Avukat Ġenerali fir-Rinviju għall-Ġudizzju, AB qed jiġi akkużat li wettaq ir-reat ta' fastidju kontra EF kif maħsub fl-Artikolu 251A(1)(ċ)(e) u (4), 251H(ċ)(d) u 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

Illi a skans ta' ripetizzjoni inutli, l-Qorti qed tagħmel pjenament referenza għall-ġurisprudenza ċitata hawn fuq b'rabta mat-tieni akkuża u tqis li l-istess elementi u prinċipji għandhom japplikaw għal din ir-raba' akkuża.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li fir-rigward tal-vittma EF, l-akkużat għoroklu sidru u saqajh u pprova jġegħlu jagħmel l-istess lilu billi ħataflu jdejh mill-polz u beda' jċaqalqu jdejh. Il-vittma qal ukoll li l-akkużat ipprova jbusu fuq xufftejh iżda hu rrifjuta.[44]

Illi fil-fehma tal-Qorti, b'dawn l-atti, l-akkużat issoġġetta lill-vittma EF għal intimità fiżika u b'hekk l-aggravju kkontemplat fl-Artikolu 251A(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali huwa b'dan sodisfatt. Di più, l-istess atti tal-akkużat jammontaw għal imġieba li għandha konnotazzjoni sesswali kif kontemplati fl-Artikolu 251A(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk anke dan it-tieni aggravju huwa sodisfatt.

Illi mix-xhieda tal-vittma jirriżulta wkoll li wara dan l-inċident, huwa ma baqax imur għandu għal-lezzjonijiet. Bħalma diġà ġie ritenut fit-tieni akkuża, l-Qorti hija tal-fehma li dan il-fatt innifsu jirrifletti kemm l-atti mwettqa mill-akkużat ma kinux mixtieqa mill-vittma.

Illi l-prosekuzzjoni qed tindika wkoll il-gravam dettati mill-Artikoli 251H(ċ)(d) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali.

Illi kif hawn fuq spjegat, mill-provi prodotti jirriżulta illi l-elementi tal-Artikolu 208AĊ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali reż applikabbli għal din l-akkuża bl-Artikolu 251H(ċ) tal-Kodiċi Kriminali ġew sodisfatti stante li l-vittma kellu inqas minn ħmistax-il sena meta twettqu r-reati. Jirriżulta wkoll li dawn ir-reati twettqu fuq il-persuna tal-minuri u għalhekk, l-elementi tal-Artikolu 251H(d) tal-Kodiċi Kriminali huma wkoll sodisfatti.

Illi għalhekk il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova wkoll din ir-raba' akkuża fil-konfront tal-akkużat.

---

[44] A fol 49 tal-atti proċesswali.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ħames akkuża mogħtija mill-Avukat Ġenerali fir-Rinviju għall-Ġudizzju, AB qed jiġi akkużat li wettaq ir-reat ta' fastidju kontra GH kif maħsub fl-Artikolu 18, 251A(1)(ċ)(e) u (4); 251H(b)(ċ)(d), 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta illi fir-rigward ta' GH l-akkużat biesha fuq ħaddejha u melsilha saqajha. Jirriżulta li meta seħħ l-akkadut, il-minuri kellha biss 7 snin u kienet tmur għal-lezzjonijiet tal-pjanu għandu. Jirriżulta ukoll li waqqfet tmur għal-lezzjonijiet għandu għaliex kienet ħasset li dak li għamel kenet xi ħaġa ħażina.

Illi a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tagħmel referenza għal dak diġà espost hawn fuq fejn jirrigwardjaw l-elementi ta' dan ir-reat. Illi mill-provi prodotti l-Qorti ssib illi l-akkużat issoġġetta lil GH għal atti jew imġieba li għandhom konnotazzjonijiet sesswali, liema imġieba ma kienitx mixtieqa mill-vittma, tant li hija ma baqgħetx tmur għal-lezzjonijiet għandu wara dan l-akkadut. B'hekk, fil-fehma tal-Qorti, l-elementi tal-Artikolu 251A(e) tal-Kodiċi Kriminali ġew ampjament sodisfatt.

Ilil min-naħa l-oħra, mandakollu, il-Qorti ma tarax li l-akkużat isoġġetta lil GH għal atti ta' intimità fiżika u dan għaliex a kuntrarju tal-vittmi l-oħra, huwa ma bishiex fuq xufftejha. Għalhekk il-Qorti ma tarax li l-elementi tal-Artikolu 251A(ċ) tal-Kodiċi Kriminali ġew sodisfatti. Jirriżulta wkoll, li dan l-inċident seħħ darba waħda biss u għalhekk il-prosekuzzjoni ma ppruvatx l-elementi tar-reat kontinwat, ossija li dawn l-atti twettqu ripetutament ai terimini tal-Artikolu 18 jew 251H(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta wkoll illi l-elementi tal-Artikolu 208AĊ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali reż applikabbli għal din l-akkuża bl-Artikolu 251H(ċ) tal-Kodiċi Kriminali ġew sodisfatti stante li l-vittma kellha inqas minn ħmistax-il sena meta twettqu r-reati. Jirriżulta wkoll li dawn ir-reati twettqu fuq il-persuna tal-minuri u għalhekk, l-elementi tal-Artikolu 251H(d) tal-Kodiċi Kriminali huma wkoll sodisfatti.

Illi għalhekk, il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din il-ħames akkuża limitatament fir-rigward tal-Artikolu 251A(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta mingħajr il-gravam dettat mill-Artikoli 18 u 251H(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkonsidrat;

Illi għall-finijiet tal-ikkalibrar tal-piena, jirriżulta li l-akkużi odjerni jirrigwardjaw tlett inċidenti separati. Filfatt, l-ewwel u t-tieni akkużi jirrigwardjaw il-minuri CD, it-tielet u r-raba' akkużi jirrigwardjaw il-minuri EF filwaqt li l-ħames akkuża tirrigwardja l-minuri GH.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi, għall-finijiet tal-kalkolu tal-piena, t-tieni akkuża hija kompriża u nvoluta fl-ewwel akkuża filwaqt li r-raba' akkuża hija wkoll kompriża u nvoluta fit-tielet akkuża. Il-ħames akkuża hija separata mill-oħrajn. Illi l-Qorti wara l-kalkoli li għamlet bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali ssib li jekk kellha tagħti piena minima ta' priġunerija, din tiġi xahar wieħed biss inqas mil-limitu stabbilit mill-Artikolu 7 tal-Att Dwar il-Probation, Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mis-*Social Inquiry Report* ppreżentat mill-uffiċjal tal-probation kif ukoll mix-xhieda mressqa mid-difiża jirriżulta illi l-akkużat m'għandux problemi familjari u lanqas ma jidher li kellu problemi fil-familja matul it-trobbija tiegħu. Kellu madanakollu xi problemi mediċi li però qed jippermettulu jgħix ħajtu. Jirriżulta li huwa għandu familja stabbli u saħansitra għandu tarbija. Qabel ma seħħ dan il-każ huwa kellu involviment qawwi fil-ħajja soċjali lokali billi anke kien membru ta' banda ewlenija fil-Gżira ta' Għawdex u jgħin fit-tmexxija tagħha. Kellu kuntatt kontinwu maż-żgħażagħ kemm tramite l-attivitajiet tiegħu fil-baned, fil-knisja u anke fix-xogħol tiegħu. Ix-xhieda *in difesa* qalu li l-akkużat huwa bniedem eżemplari fix-xogħol tiegħu u huwa maħbub ħafna mit-tfal u ż-żgħażagħ. Il-Qorti semgħet li l-akkużat qatt ma kellu rapporti kontrih fuq il-post tax-xogħol jew ilmenti kontrih minn ġenituri minkejja li kien ikun dejjem fil-preżenza tat-tfal. Jirriżulta wkoll li l-akkużat m'għandu ebda vizzju ta' droga, alkoħol, jew xort' oħra.

Illi l-Qorti tara li dawn ir-reati twettqu f'perjodu relattivament qasir u viċin ħafna ta' xulxin. Jidher li dawn l-atti huma *out of character* għall-akkużat. Min-naħa l-oħra, l-Qorti ma tistax tinjora l-ħsara psikoloġiċi li huwa kkawża lill-vittmi tiegħu f'età daqshekk tenera fir-rigward ta' CD u GH u f'età daqshekk diffiċli fir-rigward ta' EF. Illi filfatt, l-esperti Psikjatriċi Dr Nigel Camilleri u Dr Daniel Vella Fondacaro jirrimarkaw illi l-vittmi eżaminati minnhom kienu affettwati minn din is-sitwazzjoni iżda, min-naħa l-oħra, ma jeħtieġux għajnuna supplimentari biex jipproċessaw dak li għaddew minnu.

Illi l-Iskeda I tal-Att Dwar Reġistrazzjoni Għall-Protezzjoni tal-Minuri jelenka r-reati kkontemplati fl-Artikoli 203 u 251A tal-Kodiċi Kriminali bħala reati li huma suġġetti għan-notifika lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili. Illi l-Artikolu 6(2) jagħmilha tassattiva fuq il-Qorti li kull meta ssib ħtija ta' reat skedat, bħal f'dan il-każ, tordna n-notifika tas-sentenza lir-Reġistratur imsemmi għall-għanijiet msemmija fl-istess Att.

Illi hija l-fehma tal-Qorti li fil-każ de quo, l-akkużat jista' għandu bżonn ta' għajnuna sabiex jegħleb kwalunkwe diffikultajiet psikoloġiċi jew emozzjonali li jista' jkollu u li potenzjalment wasslu għal dawn l-inċidenti singolari. Hija l-fehma tal-Qorti li minkejja li dawn huma reati mill-aktar serji, kif anke jidher ċar mill-pieni li l-leġiżlatur abbina ma kull reat, piena karċerarja effettiva se tkompli twettaq aktar ħsara lill-akkużat u lill-familja tiegħu. Il-vittmi, min-naħa l-oħra jidher li nnavigaw minn din l-esperjenza u komplew bil-ħajja tagħhom, fosthom anke billi komplew bil-lezzjonijiet tal-mużika għand għalliema oħrajn. Il-Qorti tqis, madanakollu, li l-akkużat ma jistax jiġi fdat, tal-inqas għall-perjodu stabbilit mil-liġi, fil-preżenza ta' tfal minuri – bl-eċċezzjoni ta' bintu.

Illi di più jirriżulta mill-provi li din hija l-ewwel darba li l-akkużat xellef difrejħ mal-liġi u fil-fatt il-fedina penali tiegħu hija nadifa. Jidher mill-*Job History* tiegħu li huwa dejjem kellu impjieg u mhuwiex bniedem għażżien.

Illi għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li l-akkużat għandu jitpoġġa taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu tagħha kif ukoll taħt Ordni ta' Trattament u dan sabiex filwaqt li jibbenefika minn din l-għajnuna, jiġi assikurat li ma jerġa' qatt ikun hemm ripetizzjoni ta' dawn l-atti.

Illi permezz tas-seba' akkuża, l-Avukat Ġenerali qed jitlob lill-Qorti torbot lill-ħati b'obbligu ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-Qorti ma tarax li dan l-artikolu għandu xi applikabilità fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Tqis iżda, li huwa aktar idoneu li timponi Ordni ta' Trażżin fuq l-akkużat ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali u dan sabiex jiġi aċċertat li ma jkun hemm ebda kuntatt bejn l-akkużat u bejn il-vittmi.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 202(g)(k), 203(1)(a)(ċ), 207, 251A(1)(ċ)(e)(4), 251H(ċ)(d), 251HA, 383, 384, 385, 412D u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **AB <u>ħati</u>** tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkużi kif dedotti kontrih u qed issibu ħati wkoll ta' dik il-parti tal-ħames akkuża bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(e) u fil-forma ta' reat istantanju tiegħu u mhux bħala reat kontinwat u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tagħmel Ordni ta' Probation fil-konfront tiegħu għall-perjodu ta' **tlett (3) snin mil-lum** bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar li huwa jifhem x' inhuma l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tad-Digriet mogħti kontestwalment u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, ossija r-reati odjerni minbarra l-piena għar-reati kommessi waqt il-perjodu tal-Ordni.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati u dan skont it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment, liema Ordni ta' Trattament għandu jibqa' fis-seħħ għall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum;

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' CD, EF u GH għall-perjodu ta' tlett (3) snin li għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil AB iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma komplessiva ta' elf Ewro (€1000) rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri.

Illi finalment il-Qorti qed tordna li din is-sentenza għandha, meta ssir definittiva, tkun notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili ta' Malta u dik ta' Għawdex għall-finijiet tal-Artikolu 6(2) tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta.

**(ft.) Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**